Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0139

Ir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-29 ta' April 2026 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tat-tħaddim tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali. (COM(2025)0738 – C10-0320/2025 – 2025/0380(COD))[1]

Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0098/2026).

Emenda 1
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 japprovaw l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda 2
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-analiżi mwettqa tal-funzjonament mistenni tar-riżerva, li qieset l-informazzjoni reċenti, tindika li emendi mmirati ta' xi parametri jikkontribwixxu għat-titjib tal-prevedibbiltà tas-suq u għall-istabbiltà tal-movimenti tal-prezzijiet fl-ewwel snin tas-sistema l-ġdida.	(3) L-analiżi mwettqa tal-funzjonament mistenni tar-riżerva, li qieset l-informazzjoni reċenti, tindika li emendi mmirati ta' xi parametri jikkontribwixxu għat-titjib tal-prevedibbiltà tas-suq u għall-istabbiltà tal-movimenti tal-prezzijiet fl-ewwel snin tas-sistema l-ġdida. ***Sabiex dawk l-emendi ma jfixklux l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, hemm bżonn ta' azzjoni ulterjuri min-naħa tal-Istati Membri. Skont il-Bank Ċentrali Ewropew, l-investiment ekoloġiku fl-Unjoni għadu taħt il-livelli meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tad-dekarbonizzazzjoni tal-2030. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtieġ li jibqgħu viġilanti kontra r-riskju ta' diskrepanza fil-finanzjament ekoloġiku.***

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-implimentazzjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn miżuri komplementari ta' dekarbonizzazzjoni li huma l-aktar għodda effettiva biex l-unitajiet domestiċi jiġu megħjuna jnaqqsu d-dipendenza mill-fjuwils fossili u għalhekk jiġi mmitigat l-impatt tal-ETS2 fuq il-konsumaturi, peress li d-domanda għall-fjuwil fil-bini u fit-trasport għadha fil-biċċa l-kbira inelastika fuq terminu qasir. L-Istati Membri obbligati jużaw id-dħul mill-irkant tal-kwoti għall-finijiet skont l-Artikolu 30d(6) tad-Direttiva 2003/87/KE, filwaqt li jagħtu prijorità lil attivitajiet li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont l-ETS2. Għalhekk, ikun xieraq li l-Istati Membri jużaw id-dħul mill-irkant tal-kwoti rilaxxati mir-riżerva biex jikkomplementaw il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom. Huwa daqstant importanti li l-Kummissjoni tikkomplementa l-analiżi tagħha tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima aġġornati finali billi tidentifika, għal kull Stat Membru, miżuri ta' dekarbonizzazzjoni settorjali u użu aħjar tad-dħul mill-ETS li jistgħu jgħinu biex titnaqqas

	id-domanda għall-kwoti tal-ETS2. Huwa importanti wkoll li tissaħħaħ il-Faċilità tal-Frontloading tal-BEI u li jiġu kkunsidrati miżuri addizzjonali biex jiżdied il-baġit tal-Fond Soċjali għall-Klima ħalli jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju jiġi pprovdut lill-unitajiet domestiċi b'mod f'waqtu u f'livell li jirrifletti l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-ETS2. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li testendi d-durata tal-Fond Soċjali għall-Klima.

Emenda 4
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà tas-suq fit-tul, il-kwoti mqiegħda fir-riżerva għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali li ma ġewx rilaxxati jenħtieġ li jibqgħu validi ***wara l-31*** ta' Diċembru ***2030***.	(4) Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà tas-suq fit-tul, il-kwoti mqiegħda fir-riżerva għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali li ma ġewx rilaxxati jenħtieġ li jibqgħu validi ***sal-31 ta' Diċembru 2033 u parzjalment validi sal-31*** ta' Diċembru ***2035. Fi żmien erba' snin minn meta tibda topera l-ETS2, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq valutazzjoni tal-impatt, inkluża valutazzjoni tal-impatti distributtivi, u evalwazzjoni tal-impatt ambjentali, soċjali u ekonomiku tal-kwoti li jifdal fir-riżerva.***

Emenda 5
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex tkompli tittejjeb ir-reattività tiegħu għal fluttwazzjonijiet mhux ġustifikati fil-prezzijiet u tiżdied il-prevedibbiltà tas-suq, jenħtieġ li l-mekkaniżmu għat-tisħiħ tal-istabbiltà tal-prezzijiet fl-ewwel 3 snin tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jissaħħaħ bir-reqqa. Dan jista' jinvolvi r-rilaxx ta' volum ogħla ta' kwoti fis-suq. Jekk il-miżura tiġi applikata darbtejn matul l-istess perjodu ta' 12-il xahar, jenħtieġ li r-rilaxx addizzjonali jseħħ darbtejn.	(6) Sabiex tkompli tittejjeb ir-reattività tiegħu għal fluttwazzjonijiet mhux ġustifikati fil-prezzijiet u tiżdied il-prevedibbiltà tas-suq, jenħtieġ li l-mekkaniżmu għat-tisħiħ tal-istabbiltà tal-prezzijiet fl-ewwel 3 snin tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jissaħħaħ bir-reqqa. Dan jista' jinvolvi r-rilaxx ta' volum ogħla ta' kwoti fis-suq ***mingħajr dewmien***. Jekk il-miżura tiġi applikata darbtejn matul l-istess perjodu ta' 12-il xahar, jenħtieġ li r-rilaxx addizzjonali jseħħ darbtejn.

Emenda 6
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-livelli eċċessivi tal-prezzijiet tal-kwoti fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali xorta jista' jkollhom impatti sproporzjonati fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, filwaqt li l-fluttwazzjonijiet eċċessivi fil-prezzijiet jistgħu ma jkunux limitati għal okkorrenza darbtejn fis-sena. Fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati aktar miżuri ta' salvagwardja soċjali, u jista' jkun xieraq li l-Kummissjoni tikkunsidra

strumenti aktar b'saħħithom għat-tnaqqis tal-prezzijiet biex tiggarantixxi l-istabbiltà tal-prezzijiet fit-tul. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra lista ta' għażliet bħat-tisħiħ u l-estensjoni lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2029 tal-mekkaniżmu ta' żieda eċċessiva fil-prezzijiet ta' EUR 45 stabbilit fil-prezzijiet tal-2026, u l-adattament tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq kif xieraq, inklużi l-frekwenza u l-volum tar-rilaxxi tal-kwoti u l-volum fir-riżerva, u jekk ikun meħtieġ, tivvaluta l-fattibbiltà li l-Istati Membri jitħallew temporanjament ma japplikawx is-sistema għall-bini residenzjali permezz ta' deroga, dment li juru li jistgħu jilħqu l-miri tal-kondiviżjoni tal-isforzi billi jistabbilixxu miżuri oħra u dment li jkunu ttrasponew id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fid-dritt nazzjonali, filwaqt li jiżguraw il-possibbiltà li jintuża d-dħul mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal appoġġ dirett, bħad-dividendi klimatiċi, mingħajr ma jkollhom għalfejn jagħtu prova ta' impatt ambjentali pożittiv jew jintroduċu miżuri oħra biex jimminimizzaw il-kost mgħoddi fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Sal-1 ta' Marzu 2027, dawk l-għażliet jeħtieġ li jiġu vvalutati kif xieraq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-impatti soċjali u ambjentali tagħhom filwaqt li jiġi żgurat li ma jkunux ta' detriment biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fir-

	Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 7
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Wara r-reviżjoni tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq prevista f'din id-Deċiżjoni emendatorja, ikun xieraq li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali biex tivvaluta l-impatt soċjali tagħha u l-impatt tagħha fuq l-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi, kif ukoll valutazzjoni distributtiva tal-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli li għalihom sar disponibbli l-appoġġ mill-Fond Soċjali għall-Klima u mill-Faċilità tal-Frontloading tal-BEI sa dik id-data, inkluża, skont kif ikun fattibbli, diżaggregazzjoni skont it-tip ta' żona ġeografika, skont id-distribuzzjoni tal-introjtu u skont il-ġeneru, li jeħtieġ li tikkunsidra wkoll miżuri addizzjonali biex jiġu żgurati kemm l-integrità ambjentali kif ukoll il-ġustizzja soċjali fi ħdan l-ETS2.

Emenda 8
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Artikolu 1a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-paragrafu 3, titħassar it-tieni sentenza;	(1) Fil-paragrafu 3, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
	"Mill-1 ta' Jannar 2034, 50 % tal-kwoti msemmija f'dak is-subparagrafu li ma jkunux ġew rilaxxati mir-riżerva ma għandhomx jibqgħu validi. Mill-1 ta' Jannar 2036, il-kwoti li jifdal imsemmija f'dak is-subparagrafu li ma jkunux ġew rilaxxati mir-riżerva ma għandhomx jibqgħu validi.";

Emenda 9
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Artikolu 1a – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) Fil-paragrafu 7, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
Il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva għandhom jiġu distribwiti b'mod ugwali matul perjodu ta' ***xahrejn***, li jibda mhux aktar tard minn ***xahar*** wara d-data li fiha l-kundizzjonijiet ġew issodisfati skont il-pubblikazzjoni f'dak ir-rigward f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 30h(8) tad-Direttiva 2003/87/KE	"**"**Il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva għandhom jiġu distribwiti b'mod ugwali matul perjodu ta' ***tliet xhur***, li jibda mhux aktar tard minn ***30 jum*** wara d-data li fiha l-kundizzjonijiet ġew issodisfati skont il-pubblikazzjoni f'dak ir-rigward f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 30h(8) tad-Direttiva 2003/87/KE***."***.

(32015D1814)

Emenda 10
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1a (ġdid)

Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	“Fi żmien erba’ snin mill-bidu tal-operazzjoni tas-sistema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali stabbilita fil-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt, inkluża valutazzjoni tal-impatti distributtivi, u evalwazzjoni tal-impatt ambjentali, soċjali u ekonomiku tal-kwoti li jifdal fir-riżerva skont l-Artikolu 1a ta’ din id-Deċiżjoni, u tiddetermina l-adegwatezza tal-invalidazzjoni parzjali jew sħiħa ta’ dawk il-kwoti. Dik l-evalwazzjoni għandha, meta jkun xieraq, tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva.”.